**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 192/97

Victor Abela

vs

Chairman Awtorita` tal-Ippjanar, il-Ministru tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici u Ministru tal-Ambjent li gie kjamat fil-kawza b'digriet tal-21 ta' Mejju 1998 u b' digriet tat-2 ta' Awissu 2001 gie korrett ghal Chairman Awtorita` tal-Ippjanar, Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici u Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 28 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz wara s-7 ta' Frar 1990, ir-rikorrent sofra ingustizzja konsistenti fil-fatt li l-permess lilu moghti skond il-ligi sabiex ikun jista jibni r-residenza tieghu gie rtirat:

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita taghhom kienu s-segwenti:-

Illi fit-22 ta' Dicembru 1987, ir-rikorrent applika mal-Works Department Building Permits Section f'Belt is-Sebh sabiex jinghata permess jizviluppa l-plot immarkat bin-numru 3 f'Tal-Millieri Ghaxaq u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-acknowledgement hawn annessa u markata Dok C.

Illi dan il-permess inhareg fis-7 ta' Frar 1990 u dan kif jirrizulta minn kopja tieghu hawn annessa u markata Dok A, kopja tal-pjanta approvata markata Dok B u l-ircevuta tal-hlas tal-kontribuzjonijiet annessa u markata Dok D.

Illi immedjatament ir-rikorrenti beda x-xoghol ta' kostruzzjoni fuq is-sit ndikat pero` decieda li l-fond li kellu fil-padamenti jitrasformah f'basement u ghaldaqstant fl-istess hin issottometta applikazzjoni ohra sabiex il-permess jigi modifikat f'dan is-sens.

Illi b'ghageb kbir tieghu minflok illi rcieva l-permess kif modifikat, r-rikorrenti gie nformat sabiex ma jkomplix bix-xogholijiet minnu nkorsi u li l-permess hawn fuq indikat kien jinsab 'suspended forthwith pending investigations' u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-ittra hawn annessa u markata Dok E.

Illi dan l-agir kien wiehed abbuziv, ngust u ta' pregudizzju kbir sew ghar-rikorrent kif ukoll ghall-martu kif ukoll ghall-wliedu stante illi dan il-permess ilu sospiz sa mill-1990 minghajr risposta u l-girien tieghu illum jinsabu gewwa darhom u cioe' fuq kull naha tal-proprjeta tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talab lil dan it-Tribunal jghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat li tinghata dik l-ordni u dawk id-direttivi opportuni sabiex dan il-permess ma jibqax sospiz u jinhareg u kumpens ta' hamest elef lira Maltij (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja li huwa u familtu baghtew.

Ra d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat li r-rikors ma sarx skond ir-rekwiziti stabbiliti fis-subartiklu 2a tal-artikolu 7 tal-Att VIII tal-1997 stante li r-rikorrenti fir-rikors tieghu ma indikax min huma x-xhieda tieghu u wisq anqas ma ddikjara l-provi li bihsiebu jistabbilixxi bix-xhieda taghhom skond kif rikjest mill-istess ligi.

Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jirrileva li skond l-artikolu 63 ta' l-Att I ta' l-1992 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhijiex is-successura fid-drittijiet u l-obbligi tal-Planning Areas Permits Board u dan kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet John Sammut vs Awtorita' ta' l-Ippjanar (Citazz 1884/96GV) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 (Dok JC1). In fatti tapplika biss tali "successjoni" ta' obbligi u drittijiet ghal dawk il-permessi fil-perjodu transitorju (stante li permessi kienu jinhargu ghal sena jew ghal sentejn, skond il-kaz), li ma kienux ghadhom skadew jew ghal xi raguni ohra ma twaqqfux sakemm spicca l-PAPB u twaqqfet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u li kienu ghalhekk ghadhom operattivi stante li ovvjament bilfors irid ikun hemm xi entita' li tirregola t-tmexxija taghhom. Ghalhekk, ghal rigward il-kaz in ezami gialadarba li l-permess in kwistjoni kien inhareg mill-PAPB u twaqqfet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u li kienu ghalhekk ghadhomm operattivi stante li ovvjament bilfors irid ikun hemm xi entita' li tirregola t-tmexxija taghhom. Ghalhekk ghal rigward il-kaz in ezami, gia ladarba li l-permess in kwistjoni kien inhareg mill-PAPB u sussegwentement gie rtirat mill-istess PAPB (u dan meta qed nghidu madwar sentejn qabel ma giet mwaqqfa bil-ligi

l-awtorita’ ta’ l-Ippjanar) ghandu jsegwi li l-ilment li ghandu r-rikorrent ma ghandux jigi dirett kontra l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar izda se mai kontra l-veru successur fid-drittijiet u l-obbligi tal-PAPB u cioe l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici. Tant hu hekk li l-istess Bord kien delegat ta’ l-istess Ministru li jezercita funzjonijiet moghtija mill-ligi (a tenur tal-artikolu 19c tal-kap 10 lill-istess Ministru tax-Xogholijiet Pubblici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti qieghed jissottometti l-fatti tal-kaz nonostante li ghar-rgaunijiet premessi tali fatti ghandhom strettament jigu prodotti mhux mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar izda mid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ta’ min jirrileva li ta’ l-irtirar tal-permess mill-PAPB sussegwentement ir-rikorrent/applikant qatt ma gedded rega’ il-permess jew talab li l-istess Awtorita’ ta’ l-Ippjanar tiehu konjizzjoni ta’ dan il-permess skond il-procedura stabbilita’ fl-1992. Tant hu hekk li ghall-Awtorita’ ma kien hemm pendenti ebda applikazzjoni jew permess fis-sit in kwistjoni meta din giet stabbilita bil-ligi.

Illi l-permess in kwistjoni u cioe` PB5110/87 inhareg fis-7 ta’ Frar 1990 mill-Planning Area Permits Board biex tinbena terraced house bil-garage fi Plot 3 Tal-Millieri Ghaxaq, liema permess kien validu ghal sentejn mid-data tal-hrug tieghu kif specifikat fl-istess permess. Sussegwentement u cioe’ fit-22 ta’ Ottubru 1990 l-istess Planning Area Permits Board irtirat l-istess permess ‘pending investigation’. Jirrizulta li dan apparantement sar ghar-raguni li stante li s-sit tar-rikorrent kien gie zoned ghall-zvilupp f’ Ottubru, 1981 gara li ssugwentement bid-dhul tal-Att

ta' l-1983 dwar l-Areas ghall-Isvilupp tal-Bini (Provvedimenti Temporanji) is-sit tar-rikorrenti u l-inhawi mmedjati ma gewx inkluzi fl-iskema. Gialadarba dan, allura isegwi li l-istess permess ma messu qatt inhareg fl-ewwel lok gialadarba l-istess sit fl-1990 diga ma kienx inkluz fl-iskema ta' zvilupp.

Ghaldaqstant l-Awtorita` intimata li in vista tal-premess dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ossia c-Chairman ta' l-istess Awtorita' peress li l-istess ma ghamlet ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' u jiddeciedi li l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat u sussegwentement ma jirrakomandax il-hrug ta' permess u lanqas li r-rikorrenti jithallas il-kumpens pretiz u dan skond l-att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Awtorita` intimata.

Ra r-risposta tal-Ministru tal-Ambjent li eccepixxa:

1. Illi l-Ministru ta' l-Ambjent mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. Illi subordinatament il-permess in kwistjoni u cioe' PB5110/87 inhareg fis-7 ta' Frar 1990 mill-PAPB biex tinbena terraced house bil-garage fi Plot 3, Tal-Millieri, Ghaxaq, liema permess

kien validu ghal sentejn mid-data tal-hrug tieghu kif specifikat fl-istess permess. Fit-22 t'Ottubru 1990 l-istess PAPB irtirat il-permess 'pending investigation'. Jidher li dan sar stante li s-sit tar-rikorrent kien gie zoned ghal zvilupp f'Ottubru 1981 gara li sussegwetement bid-dhul ta' l-Att ta' l-1983 dwar Areas ghal zvilupp tal-Bini l-iskemi kollha ta' l-Ippjanar gew imhassra u meta dawn gew re-introdotti permezz ta' l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ghal bini (Provvedimenti Temporanji) is-sit tar-rikorrent u l-inhawi immedjati ma gewx inkluzi fl-iskema. L-istess sit lanqas kien biss inkluz fl-Izvilupp fl-1990.

3. Ghaldaqstant jidher li l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat u ghalhekk dan t-Tribunal m'ghandux jilqa' t-talbiet tar-rikorrent, m'ghandux jirrakommanda il-hrug ta' permess u lanqas jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jinghata xi kumpens li qed jippretendi li jiehu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamat in kawza.

Ra r-risposta tal-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici li eccepixxa:

Illi jirrizulta li n-notifika giet mibghuta lid-Dipartiment permezz ta' ittra registrata ndirizzata l-Ministru kkoncernat. Ma hemmx indikazzjoni cara ta' l-identita' tal-persuna li effettivament rcieva l-avviz u ghalhekk wiehed ma jistax jghid li n-notifika ma hijiex valida ghat-termini tal-ligi.

Illi r-rikorrent applika ghall-permess tal-bini fuq sit li jgib numru 3 tal-Millieri Ghaxaq fit-22 ta' Dicembru 1987. Il-permess in kwistjoni nhareg fis-7 ta' Frar 1990 liema permess kien validu ghal sentejn.

Illi fit-22 ta' Ottubru 1990, il-PAPB wara li rceviet talba mir-rikorrent innifsu biex jamenda l-pjanti originali minflok ikkonceditlu ghall-emendi mitluba hareg avviz li kien jikkontjeni li l-permess kellu jigi rtirat 'pending investigation'.

Illi jidher li dan issucceda minhabba l-fatt li s-sit inkwistjoni kien gie zoned ghall-izvilupp f'Ottubru 1981 izda sussegwentement bid-dhul ta' l-Att ta' l-1983 dwar l-Areas ghall-Izvilupp tal-bini l-iskemi kollha ta' l-ippjanar gew imhassra, u meta dawn gew ri-introdotti permezz ta' l-Att ta' l-1988 (Provvedimenti Temporanji) is-sit tar-rikorrent u l-inhawi tieghu ma gewx inkluzi fl-iskema.

Illi dawn l-inhawi lanqas gew inkluzi fl-Izvilupp li sehh fl-1990 u ghaldaqstant huwa evidenti li l-permess tar-rikorrent qatt ma jmissu nhareg.

Illi fuq dawn il-kriterji l-intimat hu tal-fehma li l-ilment imqanqal mir-rikorrent ma huwiex gustifikat u ghaldaqstant talab lil dan t-Tribunal jichdu fil-fatt kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija mir-rikors. Semma li meta mar biex jakkwista bicca art gewwa Hal Ghaxaq u qalulu li certu Piu Camilleri kellu xi plots ghal bejgh gewwa Hal Ghaxaq. Dan kien informah illi kellu diversi plots ghal bejgh u li kollox kien kopert bil-permess u wrieh kopja tar-ricevuta li kienet turi illi huwa kien hallas l-ammonti dovuti fuq il-kantunieri tal-plots bhala 'contribution' – indikazzjoni cara illi kien hemm il-permessi. F'Dicembru tan-1987 applika ghall-permess tal-bini izda gara, illi kienet inqalbet l-amministrazzjoni u gie elett il-Gvern Nazzjonalista dawn kienu nehhew il-parti fejn kellu l-plot mill-iskema u dan avolja din il-plot kienet situata bejn il-bini u t-triq li tifred. [Hu kien xtara l-Plot 3 li tinsab bejn il-bini ta' terzi miz-zewg nahat.] Kienet regghet harget scheme ohra u mill-ewwel kiteb biex il-plot tieghu tigi konsidrata u tiddahhal fl-iskema. Pero' dan kien kollu ta' xejn. Fis-7 ta' Frar 1990 kien inhariglu l-permess ghall-terraced house. Meta beda ihammel sab li kellu hafna radam u ddecida illi flok jordom kollox jibni basement. Applika pero' wara tmien xhur u cioe' fit-22 ta' Ottubru 1990 ircieva minghand

il-PAPB fejn informawh biex jieqaf mix-xoghol minnufih u l-permess “is being suspended forthwith pending investigation”. Wara tlett ijiem rcieva ittra ohra fejn informaw illi ma kienx qieghed jibni skond il-permess kif approvat.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed “Ghandi l-impressjoni li fil-fatt ghall-habta ta` Novembru 1992 sa Jannar 1993 il-Perit kien kitibli ittra fejn applika ghand il-Planning Authority biex it-talba tigi konsidratha minnha. Nipprometti li jekk insibha nesebixxi kopja ta` din l-ittra fis-seduta li jmiss. Nahseb li ghandi acknowledgement ta` din l-ittra…Nghid li fil-fatt fl-1987 bini hdejn il-post tieghi kien hemm fis-sens li bejn kull gemb tal-plot tieghi aktar `il quddiem kien hemm it-triq u mbaghad kien hemm il-bini pero` bini jmiss mieghi ma kienx hemm…Illum il-gurnata mhix qieghda inkluza fil-pjan lokali l-plot waqt li dak iz-zmien kienet inkluza.

Fl-4 ta’ Novembru 1998 Dr. Paul Micallef ghall-Awtorita` tal-Ippjanar iddikjara li l-file relattiv ghall-art in kwistjoni ma jezistix u qatt ma ezista file tal-Planning Authority dwar il-kaz u ghalhekk sostna li anqas ma kien hemm ittra ghan-nom tal-applikant biex il-kaz pendenti quddiem il-P.A.P.B. jitkompla quddiem il-Planning Authority. Gie esebit ukoll kopja tal-kont tad-drainage contribution, asphalting contribution u road contribution, u ricevuta datata 25/11/87.

Anthony Cassar li kien Segretarju tal-PAPB inkluz fl-1990 ikkonferma li l-permess kien gie sospiz u semma li din kienet

decizjoni tal-bord u kkonferma li kien hemm permess li hareg fis-7 ta' Frar tal-1990.

Joseph Felice li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Awtorita` tal-Ippjanar iddikjara li l-file ma nstabx hlief ghall-alignment file.Ikkonferma li r-rikorrent kien hariglu l-permess fis-7 ta' Frar 1990 u in segwitu dan il-permess kien gie rtirat pending investigation. Semma li kienu saru t-temporary provision schemes u kien hemm tnaqqis ta' areas for development. Fihom naqsu hafna areas. Ma setax jghid jekk il-post in kwistjoni hux gewwa jew barra l-ischemes. Il-procedura qabel kienet li kienu jaraw certu distanzi li ma ftakarx kemm hi mill-bini ezistenti biex jaraw jekk il-bini propost jistax jigi accettat waqt li mbaghad wara nholqot is-sistema tal-ischemes u bdew mexjin bis-sistema tal-ischemes mill-1988 'il quddiem. Hemm kazijiet li l-area tkun committed u hemmhekk avolja tkun taqa' barra mill-ischeme xorta wahda jinghata l-permess. Anke kazijiet ta' bini ghall-iskop ta' agrikoltura fejn jista' jinghata l-permess avolja jkun barra mill-ischeme. Din hi s-sistwazzjoni issa propjament mhux ta' dak iz-zmien.

Il-Perit Godwin Cassar li ghandu l-kariga ta' Director of Planning mal-Planning Authority xehed li fil-kaz in ezami jirrizulta li kien inhareg permess lir-rikorrent ghal terraced house u infatti kien anke sar il-hlas ghall-asphalt ta' Lm202.10. Il-permess kien hareg fi Frar 1990 mill-P.A.P.B. u kien gie sospiz f' Ottubru 1990 mill-P.A.P.B. Irrizulta li l-art in kwistjoni ma kenitx fil-Planning Scheme. Semma li meta kien sar il-Building

Development Area tal-1983 l-ischemes li kien hemm kienu thassru. In segwitu bl-Att X tal-1988 kienu gew validati numru ta' planning schemes izda jirrizulta li l-art in kwistjoni ma kenitx koperta minn dawn l-iskemi. Fil-fatt dan kien gie approvat mill-Parlament fil-21 ta' Lulju 1989 u ghalhekk meta hareg il-permess lir-rikorrent fis-26 ta' Dicembru 1989 strettament dan ma setax johrog ghax l-art in kwistjoni kienet taqa' barra mill-planning schemes. Meta xi hadd induna fil-fatt spiccat biex harget l-ittra tas-segretarju li nforma lir-rikorrent li l-permess kien qieghed jigi sospiz. Fil-fatt meta wiehed iqalleb fil-file ma jirrizultax li kien hemm xi raguni ohra barra dik li l-art taqa' barra mill-iskema. Zied li veru li jirrizulta li l-art in kwistjoni ghandha bini fuq il-lemin u bini fuq ix-xellug taghha.

Esebixxa dokument li kien gie ffirmat mill-Ministru ghax dak iz-zmien kien il-Ministru li kien japprova l-iskemi waqt li l-P.A.P.B. kien johrog il-premessi. Dan igib id-data tal-15 ta' Ottubru 1981. L-art hija l-art in kwistjoni li tirrigwarda l-art li r-rikorrent ghamel it-talba fuqha. Kien hemm sitt applikazzjonijiet ohra li kollha kemm huma gew rifjutati u dan minhabba li ma kienux jikkwalifikaw ghall-permess. Sakemm kien hareg il-permess tal-P.A.P.B. l-art ma kenitx fl-iskema, meta giet approvata. Fl-1981 kienet fl-iskema. Spjega l-procedura quddiem il-P.A.P.B. u qal li meta kienet issir applikazzjoni quddiem il-P.A.P.B. kien jinfetah file ghall-applikazzjoni u file iehor ghall-alignment. Mistoqsi mit-Tribunal dwar il-procedura li kienet adottata mill-P.A.P.B. nirrispondi illi bhala stat ta' fatt is-sistema kienet li bniedem kien japplika u l-applikazzjoni tigi

vetted. Wara li tigi vetted tmur quddiem il-bord. Il-bord kien jew jirrifjutaha jew jilqaghha. Jekk il-bord kien jilqaghha kien johrog il-kont lill-parti. Wara li l-parti thallas dan ma jfissirx li awtomatikament jinhareg il-permess izda normalment il-permess kien johrog. Semma li kellu l-impressjoni li permess tal-P.A.P.B. kien jibqa' validu ghall-perjodu ta' sena. Dak iz-zmien kien hemm is-sistema tal-applikazzjoni ghar-renewal u l-permess kien jigi estiz. Din setghet anke tigi ripetuta. Illum il-gurnata mal-Planning Authority is-sistema hija differenti.

Semma li fl-istreet block taghha ma kien hemm ebda permessi mahruga lil xi persuna. Zied li meta jkun hemm dokument tal-P.A.P.B. kont tad-drainage contribution, asphalting contribution u road contribution tfisser li hemm approval ta' permess. Dak iz-zmien meta applikant johroglu l-permess kien ikollu zmien ta' sena biex jibni. Din kienet tfisser li jrid jibda jibni matul din is-sena u jekk ma jibnix jaqa' l-permess. Dan ifisser li s-site trid tigi committed b' mod fiziku. Setghet issir applikazzjoni biex jigi rinovat il-permess. Naturalment l-applikazzjoni trid issir qabel ma taghlaq is-sena. Fil-kazijiet tal-bord il-procedura kienet li l-bord japprova, wara li japprova johrog il-kont, jithallas il-kont u mbaghad johrog il-permess.

Il-plot ta' fejn kien hemm ir-rikorrent fl-1981 kienet dahlet fl-iskema ghall-izvilupp. Sussegwentement bil-Building Development Areas Act tal-1983 l-iskemi kollha thassru u parti minnhom gew re-instated fl-1988 u l-art tal-applikant u l-immediate vicinity ma kienux inkluzi fl-iskema tal-izvilupp. Dan

ifisser li l-plot in kwistjoni kienet biss fiz-zona ta' zvilupp bejn l-1981 u l-1983 u wara qatt ma kienet.

Joseph Farrugia li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-Awtorita` tal-Ippjanar qal li qatt ma saret talba minn Victor Abela biex l-Awtorita` tal-Ippjanar tikkunsidra l-applikazzjoni tieghu u anqas applikazzjonijiet godda mal-Awtorita` tal-Ippjanar. Ma kienet saret ebda talba tal-perit tas-Sur Abela halli l-applikazzjoni tigi kunsidrata mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

**KONKLUZZJONIJIET:**

***Kif graw il-fatti:***

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-permess fit-22 ta' Dicembru 1987, liema permess inhareg fis-7 ta' Frar 1990. Peress li xtaq ibiddel certu aspetti tal-permess applika ghall-modifika izda wara tmien xhur fit-22 ta' Ottubru 1990 rcieva minghand il-P.A.P.B. li l-permess "is being suspended forthwith pending investigation u wara tlett ijiem il-permess gie mizmum. Il-plot ta' fejn kien hemm ir-rikorrent fl-1981 kienet zona ta' zvilupp u damet hekk sal-1983. Sussegwentement bil-Building Development Areas Act tal-1983 l-iskemi kollha thassru u parti minnhom gew re-instated fl-1988 u l-art tal-applikant u l-immediate vicinity ma kienux inkluzi fl-iskema tal-izvilupp. Ghalhekk meta fil-fatt hareg il-permess dan mhux suppost hareg ghax ma kienx inkluz fl-iskemi.

***Eccezzjoni fuq l-Artikolu 7 (2) (a) tal-Att VIII tal-1997:***

L-Artikolu 7 jipprovdi li r-rikors flimkien mal-elenku ghandhom jigu prezentati fir-registru tat-Tribunal u l-Artikolu 7 (2) (a) isemmi li r-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti u ghandu jkun imsieheb b' elenku tax-xhieda flimkien mal-indirizz taghhom u xi prova trid issir b' kull xhud. Illi dan it-Tribunal diversi drabi interpreta din is-sezzjoni fis-sens li r-rikorrent u l-intimat jistghu jixhdu dejjem u fil-kaz tal-intimat dejjem accetta lill-kap tal-Human Resources tas-socjeta` intimata izda li xhieda ohra, sakemm mhux specifikament indikati, jew sakemm ma jkunx il-kaz li jigu milqugha wara l-kors taht il-provvedimenti tal-Kap 12, ma jigux mizjuda izda fil-fehma tat-Tribunal in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xhieda ma jwassalx ghan-nullita` tar-rikors izda biss ghal- limitazzjoni li l-partijiet ma jistghux jipproducu xhieda ohra ghajr dawk indikati u ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

***L-eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar li hi mhux is-successur tal-P.A.P.B.:***

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu stess fit-12 ta' Dicembru 2000 fl-ismijiet Emanuel Mallia et vs Awtorita` tal-Ippjanar (rikors 2/97) fejn intqal:

Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehema tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja. Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana

Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg taht l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c) biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalkemm huwa minnu

li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat.  L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita` tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi.

Illi dak li sofrew ir-rikorrenti ma kienx rizultat tal-agir tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-ecezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Ippjanar u jehles lill-Awtorita` mill-harsien tal-gudizzju."

Illi fil-kawza odjerna dan it-Tribunal m' ghandu xejn xi jzid dwar l-aspett tal-Awtorita` bhala l-fatt li mhux successur tal-P.A.P.B.; izda jibqa' dejjem il-fatt li fejn ikun possibbli, jekk jigi misjub mit-Tribunal jew mill-Qrati li kien hemm xi nuqqasijiet tal-P.A.P.B., biex dawn jigu enforzati necessarjament jirrikjedu li l-implimentazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal jew tal-Qorti tkun bil-fors tinnecessita li johrog il-permess tal-Planning Authority ghax hija din l-entita` li llum il-gurnata hi responsabbli minn dan l-aspett. Fir-rikors in ezami r-rikorrent mhux qieghed isostni li kienet il-Planning Authority responsabbli ghall-ingustizzja minnu lamentata izda li r-rimedju ma jistax jiehdu minghajr ma l-Awtorita` tal-Ippjanar timplimenta l-ordni ta' Tribunal jew xi Qorti u dan fis-sens li kull ordni ta' din in-natura ma tistax tigi aktar ezegwita mill-P.A.P.B. liema awtorita` llum spiccat izda mill-Awtorita` tal-Ippjanar li fil-prezent dahlet biex taqdi l-istess drittijiet u doveri kif ukoll li thaddem l-istess poteri li kienu jezistu taht l-Awtorita` tal-P.A.P.B. Ghalhekk huwa immaterjali li jekk tirrizulta l-ingustizzja lmentata saritx fil-fatt mill-Awtorita` jew xi korp iehor u immaterjali hu wkoll il-fatt li l-

Awtorita` anqas biss kienet tezisti meta giet kommessa l-allegata ingustizzja. Jekk ikun possibbli taht il-ligijiet prezenti jinkombi fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar li tohrog il-permess ghall-bini relattiv u minhabba f' hekk l-Awtorita` ghandha locus standi f' din il-kawza ghax jekk l-allegazzjoni ta' ingustizzja tigi pruvata mir-rikorrent u t-Tribunal isibha gustifikata, u jekk il-ligijiet tal-pajjiz jippermettu, allura f' dan il-kaz ikun jinkombi propju fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar biex tezegwixxi dik l-ordni. Jekk l-Awtorita` tibqa' barra mill-proceduri jkun impossibbli li l-ordni tat-Tribunal jigi implimentat. Ghalhekk jichad din it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

***L-eccezzjoni tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici bazata fuq l-Artikolu 181 (B) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:***

L-imsemmi artikolu jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Dan naturalment japplika sakemm ma jkunx hemm responsabbilta` specifika ta' xi haddiehor. L-eccezzjoni saret fis-sens li l-Ministru tal-Ambjent mhux il-legittimu kontradittur u certament li din trid tigi milqugha ghax ma hemmx nexus bejn il-fatti kif graw u l-Ministru tal-Ambjent.

Divers hu l-kaz tal-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici. Kif issemma aktar 'l fuq u kif intqal fil-kawza Annunzjato Mifsud vs Direttur tat-Toroq il-bord kien id-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet

Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-bord. Fil-kaz in ezami kien il-P.A.P.B. u ghalhekk responsabbilta` finali ghall-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici li kien responsabbli ghall-hrug o meno tal-permess bejn l-1986 sa meta bdiet tiffunzjona l-Awtorita` tal-Ippjanar. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni dwar il-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici ghax jekk ikun hemm danni ghall-ingustizzja dawn iridu jigu sopportati minnu. Ghal dawn il-motivi jichad din l-eccezzjoni dwar il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici.

***Il-mertu tal-kaz:***

L-initmati taw diversi ragunijiet ghaliex l-ilment tar-rikorrent m' ghandux jigi milqugh anqas fil-meritu. Sostnew:

(a) li fil-fatt il-permess missu qatt ma hareg,

(b) li kien validu ghal sentejn biss f' liema zmien ma sarx,

(c) li l-P.A.P.B. irtirat il-permess,

(d) l-iskemi gew imhassra fl-1983,

(e) meta l-iskemi gew ri-introdotti fl-1988 is-sit tar-rikorrenti u l-inhawi immedjati ma gewx inkluzi fl-iskema,

(f) li ghalhekk ma saret ebda ingustizzja.

Minn naha l-ohra rrizulta car quddiem it-Tribunal li:

I. wara applikazzjoni tar-rikorrent kienet intbaghtet ittra mir-revenue section tal-Works Division tal-Public Works fejn ir-rikorrent intalab ihallas ghall-contribution, ghad-drainage u tar-road,

II. li fil-fatt ir-rikorrent hallas is-somma mitluba,

III. li l-procedura ta' dak iz-zmien kienet li applikazzjonijiet jigu pprocessati fil-bord u jekk approvati jintbaghatu l-contribution section fejn tinhadem is-somma dovuta u jintbaghat il-kont u wara li jithallas u jiccekkjaw kollox tohrog il-clearance,

IV. li wara li tohrog il-clearance ikun jista' johrog il-permess,

V. li fil-fatt il-permess hareg,

VI. li l-bord tal-P.A.P.B. suppost ikun ivverifika kollox diga` meta jintbaghat il-kont ghall-hlas u ghalhekk ikun accetta li jsir l-izvilupp.

Fid-dawl ta' dak fuq imsemmi jidher car li l-applikazzjoni tar-rikorrent giet accettata, hareg il-permess, u wara xi hadd irrejalizza li l-art in kwistjoni kienet taqa' barra l-area skedata. Ir-rikorrent ma ha ebda passi f' dak l-istadju u tilef l-opportunita` li permezz possibilment tal-Qorti jgieghel lill-istess P.A.P.B. tezegwixxi dak li kienet obbligata taghmel una volta li hareg il-permess. Illum ma hux aktar possibbli li johrog il-permess ghax l-art tinsab barra mill-iskemi u r-rikorrent sab ruhu fil-pozizzjoni li kawza ta' dak li gara tilef flus kbar. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-mertu.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li r-rikorrent kellu ragun jilmenta li saret ingustizzja fil-konfront tieghu izda minn naha l-ohra zgur li l-Awtorita` tal-Ippjanar ma kellha xejn x' taqsam mal-ingustizzja fil-konfront tieghu ghax l-ingustizzja saret qabel ma l-Awtorita` bdiet tiffunzjona. Bl-istess mod il-Ministru tal-Ambjent m' ghandux responsabbilta` ta' xejn.

Kaz iehor huwa dak tal-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici minhabba li hu kien responsabbli ghall-P.A.P.B. Li kieku l-P.A.P.B. ma awtorizzax il-hrug tal-permess, l-ingustizzja ma kenitx issir u ghalhekk responsabbli ghall-ingustizzja huwa propju l-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici.

X' inhu r-rimedju tar-rikorrent f' dan l-istadju? L-ingustizzja ghalhekk saret. Responsabbli ghaliha huwa l-Ministru rsponsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici. Kien jinkombi fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar li tohrog il-permess relattiv li kieku dan kien possibbli izda llum il-gurnata l-art in kwistjoni taqa' barra l-iskemi b' mod li jekk jinhareg il-permess tkun qed tinkiser il-ligi ghax tmur kontra l-policies tal-ippjanar vigenti fil-pajjiz. Ghalhekk it-Tribunal jista' jaghti biss rimedju lir-rikorrent f' wiehed ta' kumpens u marbut kif inhu bis-somma ta' Lm5000 bhala massimu dan hu l-ammont possibbli.

Ghal dawn il-motivi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Awtorita` tal-Ippjanar u lill-Ministru tal-Ambjent. Minhabba li jsib li kawza tal-agir tal-P.A.P.B. li tieghu kien responsabbli l-Ministru responsabbli mill-Kostruzzjoni u x-Xogohlijiet Pubblici (ara Qorti Kostituzzjonali 30/04/1998 John Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar) r-rikorrent sofra ingustizzja jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' Lm5000.

Spejjez kontra l-intimat il-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici.